# Qari għall-Quddies tat-Tfal
# għall-ġranet ferjali

**Żmien ir-Randan**

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġoel** (2, 12-13)

Dan jgħid il-Mulej: "Erġgħu duru lejja bi qlubkom kollha, bis-sawm, bil-biki u bl-ilfiq. Ċarrtu qalbkom, u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom, għax hu twajjeb u ħanin, idum biex jirrabja u kollu tieba."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 50 (51)

Inwieġbu flimkien: **O Alla, ħenn għalina**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.

Inwieġbu flimkien: **O Alla, ħenn għalina**

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi.
Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija

Inwieġbu flimkien: **O Alla, ħenn għalina**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Illum la twebbsux qalbkom iżda isimgħu leħen il-Mulej!**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (6, 1-6, 16-18)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet. Mela meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek. Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.

U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu bilwieqfa fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.

Meta ssumu, tqarrsux wiċċkom, bħalma jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn ikerrhu wiċċhom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin. Iżda int, meta tkun sajjem, aħsel wiċċek, biex mhux quddiem in-nies tidher li tkun sajjem, imma quddiem Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

# Il-Ħamis wara l-Erbgħa tal-Irmied

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju** (30, 16)

Mosè kellem lill-poplu u qal: "Issa jekk tisma' mil-liġi tal-Mulej, Alla tiegħek: li tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, li timxi fit-triqat tiegħu, u li tħares l-ordnijiet tiegħu, int tgħix u tikber, u l-Mulej, Alla tiegħek, ibierkek fl-art li int sejjer fiha biex teħodha f'idejk."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI (Salm 1)

Inwieġbu flimkien: **Hieni l-bniedem li jittama fil-Mulej**

Hieni l-bniedem li ma jagħmilx bħal ħżiena,
imma fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu,
u jaħseb fuqha lejl u nhar.

Inwieġbu flimkien: **Hieni l-bniedem li jittama fil-Mulej**

Għax triq it-tajbin il-Mulej jafha;
Imma triq il-ħżiena tintemm fix-xejn.

Inwieġbu flimkien: **Hieni l-bniedem li jittama fil-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (9, 22-25)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Jeħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, jiċħduh ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum."

Darba qal lil kulħadd: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isalvaha. Għax x'jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha u mbagħad jintilef jew jinqered?"

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

# Il-Ġimgħa wara l-Erbgħa tal-Irmied

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (58, 4b-5a.7)

Jekk issumu kif qegħdin issumu issa, leħinkom ma jinstamax fl-għoli. Jaqaw jien jogħġobni sawm bħal dan, jum biex bniedem jgħakkes lilu nnifsu? Is-sawm li rrid jien hu li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ, u ddaħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf, li tlibbes lil min tara għarwien, u li n-nies ta' darek ma tinsihomx

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 50 (51)

Inwieġbu flimkien: **Mulej, naddafni mid-dnub tiegħi**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar id-dnub tiegħi.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, naddafni mid-dnub tiegħi**

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi.
Qalb niedma, int ma twarrabhiex o Alla.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, naddafni mid-dnub tiegħi**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Jekk tridu tgħixu, fittxu l-ġid u mhux id-deni, u l-Mulej ikun magħkom.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (9, 14-15)

F'dak iż-żmien, resqu lejn Ġesù id-dixxipli ta' Ġwanni u qalulu: "Għaliex aħna u l-Fariżej insumu, u d-dixxipli tiegħek ma jsumux?". Qalilhom Ġesù: "Huwa l-mistednin tal-għarus se jsewdu qalbhom sakemm l-għarus ikun għadu magħhom? Imma jasal il-jum meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, u mbagħad isumu".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (58, 9b.11a.14a)

Dan jgħid il-Mulej: "Jekk tneħħi minn nofsok il-moħqrija, u ma tagħmilx deni b'ilsienek [...] il-Mulej jibqa' jmexxik għal dejjem. Imbagħad issib l-għaxqa tiegħek fil-Mulej, u jiena ntellgħek fuq l-għoljiet tal-art."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 85 (86)

Inwieġbu flimkien: **Mulej, urini t-triqat tiegħek**

Agħtini widen, Mulej, u weġibni,
għaliex jien imsejken u fqajjar.
Int Alla tiegħi, ħenn għalija.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, urini t-triqat tiegħek**

Għax int, Mulej, twajjeb u taħfer,
twajjeb ma' kull min isejjaħlek.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, urini t-triqat tiegħek**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**'Jien nitgħaxxaq meta l-midneb jerġa' lura mit-triq tiegħu biex jgħix,' jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (5, 27-32)

F'dak iż-żmien, Ġesù lemaħ wieħed pubblikan, jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi, u qallu: "Ejja warajja!". Dak telaq kollox, qam u mar warajh. Imbagħad Levi għamillu laqgħa kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra. Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: "Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?". U Ġesù weġibhom: "Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Levitiku** (19, 1-2.18)

Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu: "Għid lill-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael: Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom. La żżommx f'qalbek, imma ħobb lil għajrek bħalek innifsek."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 18 (19)

Inwieġbu flimkien: **Il-kelma tiegħek, Mulej, tagħti l-ħajja**

Il-liġi tal-Mulej perfetta u tagħti l-ħajja;
ix-xhieda tal-Mulej sewwa
u tgħallem lil min ma jafx.

Inwieġbu flimkien: **Il-kelma tiegħek, Mulej, tagħti l-ħajja**

Il-preċetti tal-Mulej iferrħu l-qalb ;
il-kmandament tal-Mulej safi,
u jdawwal l-għajnejn

Inwieġbu flimkien: **Il-kelma tiegħek, Mulej, tagħti l-ħajja**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Issa hu ż-żmien it-tajjeb; issa hu jum is-salvazzjoni.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-EVANĠELJU**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (25, 31-40)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, mbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug. Mbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, mberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni.' Mbagħad iweġbuh il-ġusti, ‘Mulej’, jgħidulu, ‘meta rajnik bil-ġuħ u tmajnik, jew bil-għatx u sqejnik ? Meta rajnik barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajnik marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?’ U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.'

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (55, 10-11)

Dan jgħid il-Mulej: "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, hekk jiġri mill-kelma tiegħi: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 33 (34)

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jeħles lit-tajbin!**

Jien fittixt lill-Mulej, u weġibni,
u minn kull biża' ħelisni.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jeħles lit-tajbin!**

Ħarsu lejn il-Mulej u timtlew bil-ferħ!
Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu,
u mid-dwejjaq tiegħu kollha ħelsu.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jeħles lit-tajbin!**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, imma bil-Kelma ta' Alla.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (6, 7-15)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn mingħalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh intom. Mela itolbu hekk:

Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek,
tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.

Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġona** (3, 1-5)

F'dak iż-żmien, il-Mulej kellem lil Ġona u qallu: "Qum, mur f'Ninwè, u ħabbar dak li ngħidlek jien." U Ġona qam u mar f'Ninwè kif qallu l-Mulej. Kif daħal il-belt, Ġona beda ġurnata mixi, ixandar u jgħid: "Erbgħin jum ieħor, u Ninwè ssir ħerba!" In-nies ta' Ninwè emmnu f'Alla, bdew sawma u libsu l-ixkejjer, mill-kbir saż-żgħir.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 50 (51)

Inwieġbu flimkien: **Ħenn għalija, Mulej**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.

Inwieġbu flimkien: **Ħenn għalija, Mulej**

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi.
Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija

Inwieġbu flimkien: **Ħenn għalija, Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Erġgħu duru lejja, għax jien twajjeb u ħanin," jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (11, 29-32)

Meta l-folla tan-nies żdiedet, Ġesù qabad u qal: "Nisel ħażin huwa dan in-nisel! Irid sinjal! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief is-sinjal ta' Ġona. Għax bħalma Ġona sar sinjal għan-nies ta' Ninwè, hekk isir Bin il-bniedem għal dan in-nisel. F'jum il-ħaqq, is-sultana tan-Nofsinhar għad tqum man-nies ta' dan in-nisel u tikkundannahom, għax hi ġiet mit-truf tal-art biex tisma' l-għerf ta' Salamun; u araw li hawnhekk hawn min hu aqwa minn Salamun! F'jum il-ħaqq, in-nies ta' Ninwè għad iqumu ma' dan in-nisel u jikkundannawh, għax huma nidmu wara l-predikazzjoni ta' Ġona; u araw li hawnhekk hawn min hu aqwa minn Ġona!"

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb ta' Ester** (4, 12.14.25)

Is-sultana Ester fittxet il-kenn tal-Mulej u talbet lill-Mulej u qaltlu: "Mulejja, int waħdek is-Sultan tagħna. Għinni għax jien waħdi, u m'għandi ebda kenn ieħor ħliefek, u bħalissa għaddejja minn periklu kbir. Eħlisna bil-qawwa ta' jdejk u għinni, għax jien waħdi u ma għandi lil ħadd ħliefek, Mulej."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 137 (138)

Inwieġbu flimkien: **Meta sejjaħtlek, int weġibtni**

Irroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha,
għaliex int smajt kliem fommi.

Inwieġbu flimkien: **Meta sejjaħtlek, int weġibtni**

Il-Mulej iżomm kelmtu miegħi;
It-tieba tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

Inwieġbu flimkien: **Meta sejjaħtlek, int weġibtni**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Oħloq fija qalb safja, o Alla.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-EVANĠELJU**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (7, 7-12)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jiftħulkom. Għax kull min jitlob, jaqla', min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu.

Min hu dak il-bniedem fostkom li, jekk ibnu jitolbu biċċa ħobż, sejjer jagħtih ġebla? Jew jekk jitolbu ħuta, sejjer jagħtih serp? Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar Missierkom li hu fis-smewwiet jagħti ħwejjeġ tajba lil min jitlobhomlu? Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom; għax din hi l-Liġi u l-Profeti."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

'

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel** (18, 21-23)

Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Jekk il-bniedem ħażin jerġa' lura mill-ħażen li jkun għamel, u jħares il-liġijiet kollha tiegħi u jagħmel il-ġustizzja, hu jgħix. Ebda dnub milli jkun għamel ma nfakkarlu; u hu jgħix minħabba fil-ġustizzja li jkun għamel. Forsi jien togħġobni l-mewt tal-bniedem il-ħażin? Jien aktar jogħġobni li jerġa' lura minn triqatu u jgħix?"

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali — Salm 129 (130)

Inwieġbu flimkien: **Jien lill-Mulej nistenna**

Isma', Mulej, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa, meta nitolbok ħniena.

Inwieġbu flimkien: **Jien lill-Mulej nistenna**

Għandek, Mulej, hemm il-maħfra;
Għand il-Mulej hemm it-tieba.

Inwieġbu flimkien: **Jien lill-Mulej nistenna**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Żommu 'l bogħod mill-ħażen li għamiltu," jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (5, 20-26)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Ngħidilkom li, jekk il-ħajja tajba tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet. Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari: 'La toqtolx.' Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna. Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh jgħidlu 'ġifa' ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sinedriju; u jekk jgħidlu 'iblah' ikun ħaqqu n-nar tal-infern.

Mela jekk tkun qiegħed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-altar u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-altar u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, u mbagħad ejja talla' l-offerta tiegħek. Lil min ikun se jtellgħek il-qorti ħudu bil-kelma t-tajba mill-aktar fis waqt li tkun għadek miegħu fit-triq, li ma jmurx jagħtik f'idejn l-imħallef, u l-imħallef f'idejn l-għassies, u hekk issib ruħek fil-ħabs. Tassew ngħidlek, minn hemm ġew ma toħroġx qabel ma tkun ħallast l-aħħar tliet ħabbiet!"

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju** (26,16)

Mosè kellem lill-poplu u qal: "Illum il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed jordnalek li tagħmel dawn il-liġijiet u dawn il-preċetti, u qis li tagħmilhom b'qalbek kollha u b'ruħek kollha."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 118 (119)

Inwieġbu flimkien: **Hieni min jobdi l-liġi tal-Mulej**

Henjin dawk li triqthom bla ħtija,
li jimxu fil-liġi tal-Mulej.

Inwieġbu flimkien: **Hieni min jobdi l-liġi tal-Mulej**

Henjin dawk li jħarsu l-preċetti tiegħu,
u li jfittxuh b'qalbhom kollha.

Inwieġbu flimkien: **Hieni min jobdi l-liġi tal-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Issa hu ż-żmien it-tajjeb; issa hu jum is-salvazzjoni!**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (5, 43-48)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Smajtu x'intqal: "Ħobb lil għajrek, u obgħod lill-għadu tiegħek". Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex.

Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan? Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

## It-Tnejn

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Danjel** (9, 5a.6a.9-10)

Mulej, aħna ġibna ruħna ħażin u ma smajniex mill-profeti, qaddejja tiegħek. Mingħand Alla nistennew il-ħniena u l-maħfra, għax aħna qomna kontrieh, u ma tajniex widen għall-Mulej Alla tagħna meta sejjħilna biex nimxu skont il-liġijiet li hu qegħdilna quddiemna permezz tal-qaddejja tiegħu l-profeti.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 78 (79)

Inwieġbu flimkien: **Mulej, nitolbuk taħfrilna**

Tiftakarx, Mulej, fid-dnubiet li għamilna,
fittex ejja u urina l-ħniena tiegħek.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, nitolbuk taħfrilna**

Għinna, o Alla tagħna,
eħlisna u aħfer id-dnubiet tagħna
minħabba l-isem tiegħek.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, nitolbuk taħfrilna**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Mulej, inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-EVANĠELJU**

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (6, 36-38)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom. Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati; aħfru, u ssibu l-maħfra. Agħtu, u jingħatalkom. Kejl tajjeb, marsus, mheżżeż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel lilkom".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

# It-Tlieta

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (1, 10a.16-17)

Isimgħu l-kelma tal-Mulej, "Inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen ta' minn quddiem għajnejja, ieqfu mill-ħażen. Tgħallmu għamlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji, iddefendu lill-iltim u aqbżu għall-armla."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 49 (50)

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jeħles lit-tajbin**

Kif titkellem fuq il-kmandamenti tiegħi,
imbagħad ma tobdix
u ma tagħtix kas il-kelma tiegħi?

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jeħles lit-tajbin**

Min jagħtini sagrifiċċji ta' radd il-ħajr, dan isebbaħni;
lil min jimxi bis-sewwa
nurih is-salvazzjoni ta' Alla.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jeħles lit-tajbin**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Żommu 'l bogħod mill-ħażen li għamiltu," jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (23, 1-12)

F'dak iż-żmien, Ġesù kellem lin-nies u lid-dixxipli tiegħu, u qalilhom: "Fuq il-katedra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u Fariżej. Mela kull ma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, iżda tagħmlux kif jagħmlu huma, għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn. Huma jorbtu qatet kbar u tqal u jgħabbuhom fuq spallejn ħaddieħor, waqt li huma stess anqas b'sebagħhom wieħed ma jridu jħarrkuhom. Kull ma jagħmlu, jagħmluh għal għajnejn in-nies; għalhekk ikabbru l-filatterji u jtawwlu l-ġmiemen tagħhom. Iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed, u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi, u jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez u li n-nies isejjħulhom Rabbi.

Imma intom tħallux min isejjħilkom Rabbi, għax l-Imgħallem tagħkom wieħed hu, u intom ilkoll aħwa. U ssejjħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom wieħed hu, dak li hu fis-smewwiet. Hekk ukoll tħallux min isejjħilkom mexxejja, għax il-mexxej tagħkom wieħed hu, il-Messija. Il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom; min jitgħolla, jitbaxxa, u min jitbaxxa, jitgħolla."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

## L-Erbgħa

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (18, 19-20)

Agħtini widen, Mulej, isma' kliem dawk li huma kontrija. Jaqaw il-ġid jitħallas bid-deni? Għax huma ħaffru ħofra għal ħajti. Ftakar kif jien waqaft quddiemek, biex nitkellem għall-ġid tagħhom u biex twarrab ir-rabja tiegħek.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 30 (31)

Inwieġbu flimkien: **Mulej, fit-tieba tiegħek eħlisni.**

Eħlisini Mulej, għax int il-qawwa tiegħi.
F'idejk jien nerħi ruħi;
Inti teħlisni, Mulej!

Inwieġbu flimkien: **Mulej, fit-tieba tiegħek eħlisni.**

Jien fik nittama, Mulej;
"Alla tiegħi int, f'idejk hi xortija!"

Inwieġbu flimkien: **Mulej, fit-tieba tiegħek eħlisni.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Jiena d-dawl tad-dinja," jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (20, 17-28)

F'dak iż-żmien, huwa u tiela' lejn Ġerusalemm, fit-triq Ġesù sejjaħ lit-Tnax weħidhom madwaru u qalilhom: "Araw, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba; dawn jaqtgħuhielu għall-mewt, jerħuh f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih, u jagħtuh is-swat u jsallbuh; u fit-tielet jum iqum".

Imbagħad resqet lejh omm ulied Żebedew flimkien ma' wliedha, u nxteħtet quddiemu titolbu xi ħaġa. "Xi trid?". staqsieha. U hi qaltlu: "Ordna li dawn iż-żewġ uliedi joqogħdu wieħed fuq il-lemin tiegħek u l-ieħor fuq ix-xellug fis-Saltna tiegħek". U Ġesù wieġeb: "Ma tafux x'intom titolbu. Għandkom ħila tixorbuh il-kalċi li se jkolli nixrob jien?". Qalulu: "Għandna". Qalilhom: "Il-kalċi tiegħi, tixorbuh, iva, imma li wieħed joqgħod fuq il-lemin jew ix-xellug tiegħi, din mhijiex ħaġa li nagħtiha jien, imma hi għal dawk li għalihom hi mħejjija minn Missieri". L-għaxra l-oħra, meta semgħu dan, inkurlaw għaż-żewġt aħwa. Imma Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Tafu intom, fost il-pagani l-kapijiet qegħdin biex jikkmandawhom, u l-kbarat biex iħaddmu fuqhom is-setgħa. Fostkom ma għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom. Hekk ukoll Bin il-bniedem, ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fida għall-kotra".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (17, 7-8)

Dan jgħid il-Mulej: "Imbierek il-bniedem li jittama fil-Mulej, u l-fiduċja tiegħu fil-Mulej. Ikun bħal siġra ħdejn l-ilma mħawla, b'għeruqha neżlin lejn il-wied; il-weraq tagħha jibqa' dejjem aħdar u dejjem tagħmel il-frott."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali (Salm 1)

Inwieġbu flimkien: **Hieni l-bniedem li jittama fil-Mulej**

Hieni l-bniedem li ma jagħmilx bħal ħżiena,
imma fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu,
u jaħseb fuqha lejl u nhar.

Inwieġbu flimkien: **Hieni l-bniedem li jittama fil-Mulej**

Għax triq it-tajbin il-Mulej jafha;
Imma triq il-ħżiena tintemm fix-xejn.

Inwieġbu flimkien: **Hieni l-bniedem li jittama fil-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Henjin dawk li jisimgħu l-kelma b'qalb tajba u sinċiera.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (16, 19-31)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-Fariżej: "Kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li kuljum jagħmel ikla mill-aħjar. U wieħed fqir jismu Lazzru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sa l-klieb kienu jmorru jilagħqu l-ġrieħi tiegħu. Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll l-għani, u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'Art l-Imwiet, rafa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lazzru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu: 'Missier Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lazzru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar.'

Qallu Abraham: 'Ibni, ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati. Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.' Qallu l-għani: 'Mela nitolbok, missier, ibagħtu f'dar missieri, għax għandi ħames aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif imiss, li ma jmorrux huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox!' Qallu Abraham: 'Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom.' Qallu dak: 'Le, missier Abraham, imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu.' Iżda wieġbu Abraham: 'Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.'"

## Il-Kelma tal-Mulej

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi** (37, 3-4.23-24.28)

Ġakobb kien iħobb lil Ġużeppi aktar minn ħutu kollha, għax kien twieled fi xjuħitu; u għamillu libsa twila bil-kmiem. U ħutu indunaw li missierhom kien iħobbu aktar minnhom kollha; u saru jobogħduh. Darba Ġużeppi wasal ħdejn ħutu fl-għelieqi, u dawn neżżgħuh mil-libsa li kellu fuqu, u qabduh u xeħtuh fil-bir. U għaddew xi negozjanti Midjanin, u ġibdu lil Ġużeppi u tellgħuh mill-bir, u biegħu lil Ġużeppi lill-Ismagħelin b'għoxrin biċċa tal-fidda; u lil Ġużeppi ħaduh l-Eġittu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 104 (105)

Inwieġbu flimkien: **Niftakru, Mulej, kemm inti kbir**

Ikel ma kellhomx, imma l-Mulej bagħat raġel,
lil Ġużeppi li kien ilsir.

Inwieġbu flimkien: **Niftakru, Mulej, kemm inti kbir**

Is-sultan ħelsu u għamlu sid fuq id-dar tiegħu,
u ħalla f'idejh il-ġid tiegħu kollu.

Inwieġbu flimkien: **Niftakru, Mulej, kemm inti kbir**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta lill-Iben waħdieni tiegħu.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (21, 42-46)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-qassisin il-kbar u lix-xjuħ tal-poplu: "Qatt ma qrajtu fl-Iskrittura li:
'Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka;
bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna?'

Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel il-frott minnha." Meta semgħu l-parabboli tiegħu l-qassisin il-kbar u l-Fariżej fehmu li hu kien qiegħed jgħid għalihom. Huma riedu kieku jaqbduh taħt idejhom, imma beżgħu minnies, għax kulħadd kien iżommu bi profeta.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Għeluq il-Ktieb tal-Profeta Mikea** (7, 14-18)

Irgħa l-poplu tiegħek taħt ix-xettru tiegħek, il-merħla, il-wirt tiegħek, maqtugħa għaliha ġol-foresta, fil-qalba ta' ġnejna sabiħa. Jalla tirgħa f'Basan u f'Gilgħad, bħal fiż-żmien ta' dari! Urina kemm inti kbir, bħal meta ħriġt mill-Eġittu. Min hu Alla bħalek li jneħħi l-ħażen, u jaħfer id-dnub?

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali — Salm 102 (103)

Inwieġbu flimkien: **Ħanin u twajjeb il-Mulej**

Bierek, ruħ tiegħi, lill-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek.

Inwieġbu flimkien: **Ħanin u twajjeb il-Mulej**

Hu li jaħfer id-dnubiet tiegħek kollha;
u jfejjaq il-mard tiegħek kollu;
u jħaddnek bit-tieba u l-ħniena.

Inwieġbu flimkien: **Ħanin u twajjeb il-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Ħa nqum u mmur għand missieri!**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (3, 20-21)

F'dak iż-żmien, il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu lejn Ġesù bi ħġarhom biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!"

U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru: "Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid". U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih.

Imbagħad daħal fih innifsu u qal: "Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu: Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek". Qam, u telaq għal għand missieru.

Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. Qallu ibnu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek". Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu: "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!". U għamlu festa.

Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sama' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dak x'kien. Qallu dak: "Hawn ħuk, u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax raġa' kisbu qawwi u sħiħ". Hu inkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. "Ara", qal lil missieru: "ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!". Qallu missieru: "Ibni, inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mit-Tieni Ktieb tas-Slaten** (5, 14-15*a*)

F'dak iż-żmien, Nagħman niżel fil-Ġordan, u għodos seba' darbiet, bħalma qallu Eliżew, il-bniedem ta' Alla, u ġismu reġa' sarlu qisu l-ġisem ta' tfajjel żagħżugħ, u ndaf mil-lebbra tiegħu. U reġa' lura għand Eliżew, hu u kull min kellu miegħu; daħal, waqaf quddiemu u qallu: "Ara, issa naf, iva, li ma hemmx Alla ieħor fid-dinja kollha, ħlief f'Iżrael."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 41 (42)

Inwieġbu flimkien: **Ruħi bil-għatx għal Alla**

Bħalma għażżiela tixxennaq għall-ilma,
Hekk tixxennaq ruħi għalik, o Alla.

Inwieġbu flimkien: **Ruħi bil-għatx għal Alla**

Ibgħat id-dawl u s-sewwa tiegħek;
huma jmexxuni u jwassluni sal-għolja mqaddsa tiegħek.

Inwieġbu flimkien: **Ruħi bil-għatx għal Alla**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Jien lill-Mulej nistenna, għax għandu hemm it-tieba.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (4, 24-30)

F'dak iż-żmien: Ġesù ġie Nażaret, daħal fis-sinagoga u qal lill-ġemgħa: "Tassew, ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu. Għax, ngħidilkom is-sewwa, kien hemm bosta romol f'Iżrael fi żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon. U kien hemm bosta lebbrużi f'Iżrael fi żmien il-profeta Eliżew, imma ħadd minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja." Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla; qamu, u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum ta' l-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel. Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Danjel** (3, 25.41-43)

F'dak iż-żmien, Għażarija waqaf f'nofs in-nar, fetaħ fommu u talab u qal: U issa b'qalbna kollha nimxu warajk, nibżgħu minnek u nfittxu lilek. Twaqqgħalniex wiċċna fl-art, iżda ġib ruħek magħna skont il-ħlewwa u l-kobor tal-ħniena tiegħek. Eħlisna skont l-għemejjel tiegħek tal-għaġeb, u sebbaħ, Mulej, lil ismek".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 24 (25)

Inwieġbu flimkien: **Ftakar fil-ħniena tiegħek, Mulej**

It-triqat tiegħek, Mulej, urini.
Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

Inwieġbu flimkien: **Ftakar fil-ħniena tiegħek, Mulej**

Inti tajjeb, Mulej ;
Ftakar fija skont it-tieba tiegħek.

Inwieġbu flimkien: **Ftakar fil-ħniena tiegħek, Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Erġgħu duru lejja b'qalbkom kollha, għax jien twajjeb u ħanin."**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

### L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (18, 21-35)

F'dak iż-żmien, Pietru resaq lejn Ġesù u qallu: "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba' darbiet?" Wieġbu Ġesù: "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet. Imma sa sebgħa u sebgħin darba. Għalhekk is-Saltna tas-Smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu. Kif beda jagħmel dan, ħadulu quddiemu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent. Billi ma kellux minn fejn iroddhomlu, is-sinjur ordna li jinbiegħu hu, martu, uliedu u kulma kellu, ħalli b'hekk jitħallas id-dejn. Imma l-qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu: 'Sinjur, stabar ftit bija; kollox irroddlok.' Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu.

Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu, li kellu jagħtih mitt dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. 'Ħallas dejnek,' qallu. Il-qaddej sieħbu nxteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu: 'Stabar ftit bija u rroddlok.' Imma dak ma riedx jaf, mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kulma kellu jagħtih. Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewdu qalbhom ħafna; marru għand is-sinjur tagħhom u tarrfulu kulma kien ġara. Imbagħad is-sinjur bagħat għalih u qallu: 'Ja qaddej ħażin, meta jiena ħfirtlek dak id-dejn kollu wara li tlabtni bil-ħniena, ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?' U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih, u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kulma kellu jagħti. Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju** (4, 1.5-6a)

Mosè kellem lill-poplu u qal: "U issa, Iżrael, agħti widen għal-liġijiet u l-ordnijiet li qiegħed ngħallimkom tagħmlu, ħalli tgħixu, u tidħlu tieħdu l-art li se jagħtikom il-Mulej. Araw, jien għallimtkom liġijiet u ordnijiet kif ikkmandani l-Mulej, Alla tiegħi, biex tagħmluhom sewwa fil-pajjiż li fih se tidħlu biex ikun tagħkom. Ħarsuhom u agħmluhom."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 147

Inwieġbu flimkien: **Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej**

Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej;
faħħar lil Alla tiegħek, Sijon.

Inwieġbu flimkien: **Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej**

Hu jxandar il-kelma tiegħu lil Ġakobb,
il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Iżrael.
Ma għamel hekk ma ebda poplu.

Inwieġbu flimkien: **Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Mulej, inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (5, 17-19)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-milja tagħhom. Tassew ngħidilkom, li sa ma jkunu għaddew is-sema u l-art anqas l-iżgħar ittra jew tikka waħda mil-Liġi ma titneħħa sa ma jkun seħħ kollox. Jekk mela xi ħadd iġib fix-xejn wieħed mill-iżgħar minn dawn il-kmandamenti u jgħallem lin-nies biex jagħmlu l-istess, dan jissejjaħ l-iżgħar fis-Saltna tas-Smewwiet. Imma min iħarishom u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (7, 23-24*a*)

Dan jgħid il-Mulej: "Dan hu l-kmand li tajt lill-poplu tiegħi u għedtilhom: 'Isimgħu minn kliemi, u jiena nkun Alla tagħkom, u intom tkunu l-poplu tiegħi, u imxu fit-triq kollha li qiegħed nordnalkom, għall-ġid tagħkom.' Imma ma semgħux u ma tawx widen."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 94 (95)

Inwieġbu flimkien: **Ejjew ħa nfaħħru lill-Mulej**

Nersqu quddiem il-Mulej b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannu b'għajjat ta' ferħ.

Inwieġbu flimkien: **Ejjew ħa nfaħħru lill-Mulej**

Ejjew inqimu lill-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

Inwieġbu flimkien: **Ejjew ħa nfaħħru lill-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Erġgħu duru lejja b'qalbkom kollha, għax jien twajjeb u ħanin."**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (11, 14-23)

F'dak iż-żmien, Ġesù kien qiegħed ikeċċi xitan, li kien imbikkem. Meta x-xitan ħareġ, l-imbikkem tkellem, u n-nies stagħġbu. Iżda xi wħud minnhom qalu: "Bis-saħħa ta' Begħelżebul, il-prinċep tax-xjaten, qiegħed ikeċċihom ix-xjaten". Oħrajn, biex iġarrbuh, riedu mingħandu sinjal mis-sema.

Iżda hu ntebaħ x'kienet il-fehma tagħhom, u qalilhom: "Kull saltna maqsuma fiha nfisha ssir ħerba, u taqa' dar fuq oħra. Jekk ix-Xitan ukoll hu kontra tiegħu nnifsu, kif se żżomm wieqfa s-saltna tiegħu? Għax intom tgħidu li jien bis-saħħa ta' Begħelżebul inkeċċihom ix-xjaten. Imma jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta' Begħelżebul, uliedkom bis-saħħa ta' min ikeċċuhom? Għalhekk huma stess ikunu l-imħallfin tagħkom. Iżda jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla. Sakemm il-bniedem qawwi u armat tajjeb jgħasses il-palazz tiegħu, ħwejġu jkunu fiż-żgur. Imma jekk wieħed aqwa minnu jaqbeż fuqu u jegħlbu, jaħtaflu l-armi kollha li fuqhom kien iserraħ rasu, u jqassam il-priża tiegħu. Min mhuwiex miegħi huwa kontra tiegħi, u min ma jiġborx miegħi, ixerred".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ħosegħa** (14, 2-3.9a)

Dan jgħid il-Mulej: "Erġa' dur, Iżrael, lejn il-Mulej Alla tiegħek, għax int tfixkilt minħabba fil-ħażin li għamilt. Ħudu kliem magħkom, duru mill-ġdid lejn il-Mulej, u għidulu: 'Int tneħħi l-ħażen kollu: ilqa' t-tajjeb, u rroddu frott xufftejna.' Kont jien li weġibtek, u jien inħarsek."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 80 (81)

Inwieġbu flimkien: **Ismagħni, poplu tiegħi**

Jiena l-Mulej, Alla tiegħek,
li tellajtek mill-art tal-Eġittu.

Inwieġbu flimkien: **Ismagħni, poplu tiegħi**

Jekk il-poplu jisma' minni,
jekk Iżrael jimxi fit-triq tiegħi,
lilhom nagħtihom qamħ mill-aħjar x'jieklu.

Inwieġbu flimkien: **Ismagħni, poplu tiegħi**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Indmu, għax is-Saltna tas-smewwiet waslet," jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (12, 28b-34)

F'dak iż-żmien, wieħed mill-kittieba resaq fuq Ġesù u staqsieh: "Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?" Ġesù wieġbu: "L-ewwel wieħed huwa dan: "Isma' Iżrael! Il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha." U t-tieni hu dan: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek." Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn."

Qallu l-kittieb: "Sewwa qiegħed tgħid, Mgħallem; għandek raġun tgħid li wieħed hemm, u li ma hemmx ieħor ħliefu. Iva, li tħobb lilu b'qalbek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha, u tħobb lil għajrek bħalek innifsek, huwa aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha."

Ġesù, meta rah kemm kien wieġeb bil-għaqal, qallu: "M'intix 'il bogħod mis-Saltna ta' Alla." U ħadd ma kellu l-ħila jistaqsih iżjed.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ħosegħa** (6, 1-3)

“Imxi, ħa nerġgħu lura għand il-Mulej [...] Wara jumejn jerġa’ jagħtina l-ħajja, imbagħad fit-tielet jum jerġa’ jqajjimna, sabiex quddiemu ngħixu. Nagħrfu l-Mulej, u nfittxu nagħrfuh iżjed, daqs kemm hu żgur is-sebħ, hekk il-ħruġ tiegħu; hu jiġi bħalma tiġi x-xita fuqna.”

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 50 (51)

Inwieġbu flimkien: **Jiena tieba rrid, mhux sagrifiċċju**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Naddafni mid-dnub tiegħi.

Inwieġbu flimkien: **Jiena tieba rrid, mhux sagrifiċċju**

Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla,
hu l-qalb niedma;
qalb maqsuma ma twarrabhiex, o Alla.

Inwieġbu flimkien: **Jiena tieba rrid, mhux sagrifiċċju**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Illum isimgħu leħen il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (18, 9-14)

F'dak iż-żmien, kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola: "Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor pubblikan, telgħu fit-tempju biex jitolbu. Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu: 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal.' Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!' Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (65, 17-18*a*)

Dan jgħid il-Mulej: “Arani, se noħloq smewwiet ġodda u art ġdida. Ma jitfakkarx iżjed il-passat, f’moħħ ħadd aktar ma jiġi. Imma għad jifirħu u jaqbżu bil-ferħ għal dejjem, minħabba f’dak li għad noħloq jien.”

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 29 (30)

Inwieġbu flimkien: **Mulej, int erfajtni**

Għannu lill-Mulej, ħbieb tiegħu,
faħħru l-isem qaddis tiegħu.
Għax ftit iddum ir-rabja tiegħu,
imma żmien twil l-imħabba tiegħu.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, int erfajtni**

Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija;
Kun int l-għajnuna tiegħi.
Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, int erfajtni**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Fittxu t-tajjeb, u l-Mulej ikun magħkom.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (4, 43-54)

F'dak iż-żmien, Ġesù telaq mis-Samarija lejn il-Galilija; għax Ġesù stess xehed li profeta ma għandux ġieħ f'pajjiżu. Mela meta wasal il-Galilija, il-Galilin laqgħuh tajjeb billi lkoll raw kulma kien għamel f'Ġerusalemm f'jum il-festa, għax huma wkoll kienu marru għall-festa. U reġa' ġie f'Kana tal-Galilija, fejn kien biddel l-ilma fi nbid. Issa f'Kafarnahum kien hemm uffiċjal tas-sultan u kellu lil ibnu marid. Meta sama' li mil-Lhudija Ġesù kien ġie fil-Galilija, mar għandu jitolbu jinżel u jfejjaqlu lil ibnu, għax kien wasal fl-aħħar. U Ġesù qallu: "Jekk ma tarawx sinjali u għeġubijiet ma temmnux!" Qallu l-uffiċjal: "Inżel Mulej, qabel ma jmutli t-tifel." Qallu Ġesù: "Mur, ibnek ħaj." Ir-raġel emmen il-kelma li qallu Ġesù u telaq.

Huwa u nieżel, iltaqgħu miegħu l-qaddejja tiegħu u qalulu: "Ibnek ħaj!" Hu staqsiehom xħin kien meta beda jaqleb għall-aħjar, u huma qalulu: "Ilbieraħ fis-seba' siegħa telqu d-deni." Il-missier intebaħ li dak kien il-ħin meta Ġesù qallu: "Ibnek jgħix," u emmen hu u l-familja kollha tiegħu. Dan kien sinjal ieħor, it-tieni wieħed, li għamel Ġesù meta ġie l-Galilija mil-Lhudija.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel** (47, 1a.9)

F'dak iż-żmien, l-anġlu ħadni lura ħdejn il-bieb tas-santwarju tal-Mulej; u ara, kien hemm l-ilma ħiereġ minn taħt l-għatba tas-santwarju lejn il-Lvant. [...] U qalli, "Kull fejn tgħaddi dik ix-xmara, kull ħaġa ħajja li tiċċaqlaq tgħix; u jkun hemm kotra kbira ta' ħut, għax, minn kull fejn jgħaddi dak l-ilma, l-ilma jsir iktar tajjeb u jkun hemm il-ħajja minn kull fejn tgħaddi x-xmara."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 45 (46)

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej magħna**

Kenn u qawwa hu Alla għalina,
għajnuna kbira għalina meta konna mdejqin.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej magħna**

Ejjew, araw x'għamel il-Mulej,
affarijiet tal-għaġeb fuq l-art.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej magħna**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Oħloq fija qalb safja, O Alla!**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (5, 1-3a.5-16)

Wasal jum ta' festa għall-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm. F'Ġerusalemm, maġenb il-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ, hemm bini b'ħames loġoġ, li bil-Lhudi jgħidulu Betzata. F'dawn il-loġoġ kienet toqgħod kotra ta' morda, għomja, zopop u mifluġin. U kien hemm raġel li kien ilu tmienja u tletin sena marid. Ġesù rah qiegħed hemm, u meta sar jaf li kien ilu marid dak iż-żmien kollu qallu: "Trid tfiq?" "Sinjur," wieġbu l-marid, "ma għandix min jitfagħni fil-menqgħa xħin jitqanqal l-ilma, għax waqt li nkun sejjer jien ħaddieħor jinżel qabli." Qallu Ġesù: "Qum, aqbad friexek u imxi!" Minnufih dak ir-raġel fieq, qabad friexu u beda miexi.

Dak inhar inzerta kien is-Sibt. Għalhekk il-Lhud qalu lil dak li kien fieq: "Is-Sibt illum, u ma jiswiex iġġorr friexek!" Iżda hu weġibhom: "Dak li fejjaqni qalli, 'Aqbad friexek u imxi.' " Huma staqsewh: "Min hu dan il-bniedem li qallek, 'Aqbad u imxi'?" Iżda l-imfejjaq ma kienx jaf min kien, għax Ġesù laħaq warrab billi hemmhekk kien hemm ħafna nies. Wara mbagħad Ġesù sabu fit-tempju u qallu: "Ara, issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed, biex ma tiġrilikx xi ħaġa agħar." Ir-raġel telaq u mar għand il-Lhud jagħtihom l-aħbar li kien Ġesù li fejjqu. Għalhekk il-Lhud ħraxu għal Ġesù, għax f'jum is-Sibt kien jagħmel ħwejjeġ bħal dawn.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

## L-Erbgħa

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (49, 13-15)

Għannu, o smewwiet, aqbeż bil-ferħ, o art, infexxu fl-għana, o muntanji! Għax farraġ il-Mulej lill-poplu tiegħu; u ħenn għall-imsejknin tiegħu! U Sijon kienet tgħid, “Il-Mulej ħallieni.” Tista’ mara tinsa lit-tarbija tagħha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt!

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 144 (145)

Inwieġbu flimkien: **Twajjeb u ħanin il-Mulej**

Twajjeb ma’ kulħadd il-Mulej,
it-tjubija tiegħu fuq dak kollu li għamel.

Inwieġbu flimkien: **Twajjeb u ħanin il-Mulej**

Il-Mulej iżomm kelmtu fil-wegħdiet tiegħu kollha.
Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu,
lejn kull min isejjaħlu bis-sewwa.

Inwieġbu flimkien: **Twajjeb u ħanin il-Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**"Jien hu l-qawmien u l-ħajja," jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (5, 17-20)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-ġemgħa tal-Lhud: "Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jien ukoll." U minħabba f'hekk il-Lhud wisq iżjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss għax kien jikser is-Sibt, imma wkoll għax lil Alla kien jgħidlu Missieru u jqis ruħu daqs Alla.

Ġesù qabad u qalilhom: "Tassew tassew ngħidilkom li l-Iben ebda ħaġa ma jista' jagħmel minn rajh jekk ma jarax lil Missieru jagħmilha; għax il-ħwejjeġ li jagħmel il-Missier, jagħmilhom l-Iben ukoll, bħalu. Għax il-Missier lill-Iben iħobbu u jurih kull ma jagħmel, anzi ħwejjeġ akbar minn dawn jurih, ħalli jkollkom biex tistagħġbu."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu** (32, 7-8.11*a*)

Il-Mulej qal lil Mosè: “Mur u inżel, għaliex tħassar il-poplu tiegħek, li inti tellajt mill-Eġittu. Malajr warrbu mit-triq li jiena wrejthom: għamlu għalihom għoġol tal-metall imdewweb, niżlu wiċċhom fl-art iqimuh, u offrewlu sagrifiċċju.” Mosè mbagħad talab bil-ħniena quddiem il-Mulej Alla tiegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali — Salm 105 (106)

Inwieġbu flimkien: **Ftakar fija, Mulej**

Għamlu għoġol ħdejn il-Ħoreb,
taw qima lil xbieha tal-metall.
Bidlu lil Alla, ma’ xbieha ta’ gendus.

Inwieġbu flimkien: **Ftakar fija, Mulej**

U nsew lil Alla, li salvahom,
li għamel affarijiet kbar fl-Eġittu.

Inwieġbu flimkien: **Ftakar fija, Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta lill-Iben waħdieni tiegħu.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-EVANĠELJU**

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (5, 39-47)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil-Lhud, "Intom tistudjaw l-Iskrittura, għax taħsbu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem; din tagħti xhieda għalija; u madankollu ma tridux tiġu għandi biex ikollkom il-ħajja. Jiena ma nieħu ebda glorja mill-bnedmin, imma jiena lilkom nafkom, naf li l-imħabba ta' Alla ma tinsabx fikom. Jien ġejt f'isem Missieri, u intom ma lqajtunix; jekk ħaddieħor jiġi f'ismu stess, intom tilqgħuh. Imma kif jista' jkun li temmnu, intom li tieħdu l-glorja mingħand xulxin, waqt li xejn ma tfittxu l-glorja li tiġi mingħand Alla waħdu?

Xejn la taħsbu li se nkun jien li nakkużakom quddiem il-Missier; dak li jakkużakom huwa Mosè, li fih qegħedtu t-tama tagħkom. Għax kieku kontu temmnu lil Mosè kontu temmnu lili wkoll, għax Mosè fuqi kiteb. Imma jekk intom ma temmnux dak li kitbilkom hu, kif se temmnu dak li ngħidilkom jien?"

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Għerf** (2, 1a.17-20)

In-nies il-ħżiena ma ħasbuhiex sewwa, u qalu bejniethom, "Ħa naraw hux veru l-kliem tiegħu, naraw fl-aħħar x'se jsir minnu. Jekk il-ġust hu iben Alla, jaqbeż għalih Alla, u jeħilsu minn id l-għedewwa tiegħu. Ngħajruh u nweġġgħuh, biex naraw xi tjubija għandu. Naqtgħuhielu għall-mewt tal-mistħija, għax, kif jgħid hu, għandu min iħarsu."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali — Salm 33 (34)

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej qrib lejn min jinsab imdejjaq**

Jgħajtu t-tajbin għall-għajnuna,
u l-Mulej jisma' l-għajta tagħhom;
mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej qrib lejn min jinsab imdejjaq**

Qrib il-Mulej lejn dawk b'qalbhom maqsuma,
Jgħin lil dawk li huma mdejqin u għajjenin.

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej qrib lejn min jinsab imdejjaq**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, imma bil-kelma ta' Alla.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (7, 1-2.10.25-30)

F'dak iż-żmien, Ġesù baqa' jdur fil-Galilija, għax ma riedx joqgħod idur fil-Lhudija billi l-Lhud kienu qegħdin ifittxu li joqtluh. Kienet qorbot għal-Lhud il-festa tal-Għerejjex. Wara li ħutu telgħu għall-festa tela' hu wkoll, mhux bid-dieher, imma bil-moħbi. Xi wħud min-nies ta' Ġerusalemm qalu: "Dan mhuwiex dak li qegħdin ifittxuh biex joqtluh? Araw, b'wiċċu minn quddiem qiegħed jitkellem, u ħadd ma hu jgħidlu xejn. Jaqaw tassew li l-kbarat għarfu li dan hu l-Messija? Imma dan nafu minn fejn hu; il-Messija, meta jiġi, ħadd ma jkun jaf minn fejn ikun ġej."

Ġesù, huwa u jgħallem fit-tempju, għolla leħnu u qal: "Intom lili tafuni, u tafu wkoll minn fejn jien. Jiena ma ġejtx minn rajja, imma hemm wieħed tassew li bagħatni, wieħed li intom ma tafuhx. Jiena nafu, għax jien mingħandu ġej, u kien hu li bagħatni." Huma fittxew jaqbduh, iżda ħadd minnhom ma medd idejh fuqu, għax is-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (11, 18-19)

Il-Mulej għarrafni, u jien sirt naf; inti wrejtni l-għemejjel tagħhom. U jien bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla, ma kontx naf li kienu qed inassu kontrija u jgħidu: "Ħa noqtlu s-siġra bil-frott tagħha; inqaċċtuh mill-art tal-ħajjin, u ismu ma jiftakruhx aktar."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 7

Inwieġbu flimkien: **Mulej, inti l-kenn tiegħi**

Mulej, Alla tiegħi, fik il-kenn tiegħi;
salvani minn kull min iħabbatni,
u eħlisni.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, inti l-kenn tiegħi**

Inti li tifhem il-moħħ u l-qalb, int Alla ġust.
It-tarka tiegħi hu Alla,
li jsalva lil min hu qalbu safja.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, inti l-kenn tiegħi**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Henjin dawk li jisimgħu l-kelma b'qalb tajba u sinċiera.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-Evanġelju**

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (7, 40-53)

F'dak iż-żmien, meta xi wħud min-nies semgħu kliem Ġesù, qalu: "Tassew dan hu l-Profeta". Oħrajn qalu: "Dan hu l-Messija". Iżda xi wħud qalu: "Mela l-Messija għandu jiġi mill-Galilija? Ma tgħidx l-Iskrittura li l-Messija għandu jiġi min-nisel ta' David u minn Betlehem, ir-raħal minn fejn kien David?". Hekk in-nies ma qablux bejniethom minħabba fih. Xi wħud minnhom riedu jaqbduh, iżda ħadd ma medd idejh fuqu. L-għases reġgħu lura għand il-qassisin il-kbar u l-Fariżej, u dawn qalulhom: "Dan kif ma ġibtuhx magħkom?". L-għases qalulhom: "Qatt ħadd ma tkellem bħalu, dan il-bniedem!". Qabżu l-Fariżej u qalulhom: "Intom ukoll tqarraqtu? Hemm xi ħadd mill-kapijiet u l-Fariżej li emmen fih? Imma dawn x'qabda nies misħuta, li l-Liġi ma jafuhiex!".

Wieħed minnhom, jismu Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù, qabeż u qalilhom: "Jaqaw il-Liġi tagħna tikkundanna lil xi ħadd qabel ma tisma' lilu stess ħalli tkun taf x'inhu jagħmel?". U huma qalulu: "M'intix int ukoll mill-Galilija, hux? Fittex fl-Iskrittura, ħalli tara li ebda profeta ma jqum mill-Galilija!". U wieħed wieħed telqu lejn djarhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Danjel** (13, 41b-44)

F'dak iż-żmien, ikkundannaw lil Susanna għall-mewt. Imbagħad Susanna b'għajta kbira qalet: "Alla ta' dejjem, int li tara kulma hu moħbi, li tkun taf b'kull ħaġa qabel ma sseħħ, inti taf li dawn taw xhieda falza kontra tiegħi. Ara, issa se mmut, u minn dak kollu li fil-ħażen tagħhom qalgħu fuqi jiena m'għamilt xejn." U Alla sema' t-talba tagħha.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 22 (23)

Inwieġbu flimkien: **Ma nibżax, għax il-Mulej miegħi**

Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni;
ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni.

Inwieġbu flimkien: **Ma nibżax, għax il-Mulej miegħi**

Imexxini fit-triq tas-sewwa, minħabba l-isem tiegħu.
Imqar jekk nimxi fid-dlam, ma nibżax,
għax inti miegħi.

Inwieġbu flimkien: **Ma nibżax, għax il-Mulej miegħi**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**‘Jien id-dawl tad-dinja,’ jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

### L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (8, 12-20)

F’dak iż-żmien, Ġesù telaq lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. Imma l-għada qabel is-sebħ raġa’ mar fit-tempju, u l-poplu kollu ġie ħdejh, u hu qagħad bilqiegħda jgħallimhom.

Imbagħad il-kittieba u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs u qalulu: “Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. ssa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid?” Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jixluh. Imma Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b’sebgħu fit-trab. Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: “Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.” U raġa’ tbaxxa jikteb fit-trab.

Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa’ waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs. Qam dritt u qalilha: “Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?” “Ħadd, Sinjur,” qaltlu. Qalilha Ġesù: “Mela anqas jien ma nikkundannak. Mur, u mil-lum ’il quddiem tidnibx iżjed.”

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tan-Numri** (21, 7-9)

F'dak iż-żmien, il-poplu mar għand Mosè, u qalulu: "Dnibna għax tkellimna kontra l-Mulej u kontra tiegħek. Itlob lill-Mulej ħa jwarrab is-sriep minn fostna." U Mosè mar jitlob għall-poplu. U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu: "Agħmel serp tal-bronż; u kull min jingidem u jħares lejh ifiq u jgħix." U Mosè għamel serp tal-bronż. U ġara li kull min kien jigdmu s-serp kien iħares lejn is-serp tal-bronż, u kien ifiq u jgħix.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 101 (102)

Inwieġbu flimkien: **Mulej, isma' t-talba tiegħi**

Mulej, isma' t-talba tiegħi,
ħa tasal għandek l-għajta tiegħi.

Inwieġbu flimkien: **Mulej, isma' t-talba tiegħi**

Taħbix wiċċek minni meta nkun imdejjaq;
meta nsejjaħlek fittex weġibni!

Inwieġbu flimkien: **Mulej, isma' t-talba tiegħi**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Min isib lil Ġesù, ikollu l-ħajja ta' dejjem.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (8, 23-30)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-Fariżej: "Intom minn hawn isfel, u jiena ġej minn hemm fuq. Intom nies ta' din id-dinja, imma jien m'iniex ta' din id-dinja. Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom." "U int min int?" staqsewh. Weġibhom Ġesù: "Dak li ili ngħidilkom sa mill-bidu. Għandi ħafna xi ngħid fuqkom u x'nikkundanna fikom; iżda dak li bagħatni, jgħid il-verità, u jiena ngħid lid-dinja dak li smajt mingħandu." Huma ma ntebħux li kien qiegħed ikellimhom fuq il-Missier. Għalhekk Ġesù qalilhom: "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu u li minn rajja ma nagħmel xejn, imma li nitkellem skont ma għallimni l-Missier. U min bagħatni huwa miegħi, ma telaqnix waħdi, għax jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu." Meta tkellem hekk, kienu ħafna dawk li emmnu fih.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

# L-Erbgħa

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Danjel** (3, 95)

F'dak iż-żmien, is-sultan qal: "Imbierek Alla ta' Sidrak, Mesak u Għabednegu, li bagħat l-anġlu tiegħu u ħeles lill-qaddejja tiegħu li ttamaw fih u kisru l-ordni tas-sultan, u taw ħajjithom biex ma jaqdux u ma jqimux alla ieħor ħlief lil Alla tagħhom."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Danjel 3

Inwieġbu flimkien: **Infaħħrek Mulej**

Imbierek int, Mulej, Alla tagħna,
Imbierek ismek, qaddis u msebbaħ.

Inwieġbu flimkien: **Infaħħrek Mulej**

Imbierek int fit-tempju tiegħek,
Imbierek int fuq it-tron tas-saltna tiegħek.

Inwieġbu flimkien: **Infaħħrek Mulej**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Henjin dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla b'qalb tajba u sinċiera.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

### L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (8, 31-42)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil-Lhud li emmnu fih: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom." Qalulu: "Aħna nisel Abraham, u qatt ma konna lsiera ta' ħadd. Kif tiġi tgħidilna li nkunu ħielsa?" Weġibhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, li kull min jagħmel id-dnub huwa lsir tad-dnub. U l-ilsir ma jibqax fil-familja għal dejjem; imma l-iben għal dejjem jibqa'. Jekk l-Iben jeħliskom, tkunu tabilħaqq ħielsa. Jiena naf li intom nisel Abraham; madankollu qegħdin tfittxu li toqtluni, għax il-kelma tiegħi ma qabditx l-art fikom. Jiena qiegħed nitkellem fuq dak li rajt għand Missieri, u intom tagħmlu dak li smajtu mingħand missierkom."

Qabżu u qalulu: "Missierna hu Abraham." Qalilhom Ġesù: "Kieku kontu wlied Abraham, kontu tagħmlu bħalma għamel Abraham. Iżda issa qegħdin tfittxu li toqtlu lili, bniedem li għedtilkom il-verità li smajt mingħand Alla. Dan ma għamlux Abraham. Intom tagħmlu bħalma jagħmel missierkom." Qalulu: "Aħna m'aħniex ulied iż-żína! Missier wieħed għandna, lil Alla." Qalilhom Ġesù: "Li kieku Alla kien missierkom, lili kontu tħobbuni, għax jien ħriġt u ġejt mingħand Alla. Għax jien ma ġejtx minn rajja, imma kien hu li bagħatni."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi** (17, 3-5)

F'dak iż-żmien, Abram inxteħet wiċċu fl-art, u Alla kellmu u qallu: "Hawn jien. Ara l-patt tiegħi miegħek: Int tkun missier ta' ħafna ġnus. U ma tissejjaħx aktar Abram, imma Abraham ikun ismek, għax jien se nagħmlek missier ta' ħafna ġnus.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 104 (105)

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jiftakar fil-patt tiegħu**

Ħabirku biex tagħrfu l-Mulej u l-qawwa tiegħu,
fittxu lil wiċċu l-ħin kollu.
Ftakru fil-ħwejjeġ kbar li għamel.

Inwieġbu flimkien: : **Il-Mulej jiftakar fil-patt tiegħu**

Jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu,
fil-patt li għamel ma' Abraham.

Inwieġbu flimkien: : **Il-Mulej jiftakar fil-patt tiegħu**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Illum iżżommux qalbkom iebsa, imma isimgħu leħen il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

### L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (8, 51-59)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil-Lhud: "Tassew tassew ngħidilkom li min iħares il-kelma tiegħi ma jara qatt il-mewt." Qalulu l-Lhud: "Issa tassew nafu li għandek Xitan fik. Abraham miet, u l-profeti wkoll; u inti tgħid: 'Jekk xi ħadd iħares kelmti ma jduq qatt il-mewt.' Jaqaw int akbar minn missierna Abraham li miet? U l-profeti wkoll mietu. Inti x'taħseb li int?" Wieġeb Ġesù: "Li kieku kelli nagħti glorja lili nnifsi, il-glorja tiegħi ma kienet tkun tiswa xejn. Imma dak li lili qiegħed jagħtini l-glorja huwa l-Missier, dak li intom tgħidu li hu Alla tagħkom, u madankollu ma għaraftuhx. Imma jiena nafu, u kieku kelli ngħid li ma nafux, kont inkun giddieb bħalkom. U mhux biss nafu, imma wkoll inħares il-kelma tiegħu. Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi, u rah u feraħ."

Qalulu l-Lhud: "Għadek lanqas għalaqt il-ħamsin u rajt lil Abraham?" Qalilhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, jiena hu." Għalhekk il-Lhud qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu; imma Ġesù nħbielhom u ħareġ mit-tempju.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (20, 11.13)

Il-Mulej miegħi bħal raġel qalbieni, għalhekk dawk li jagħmlu għalija ma jistgħu jagħmlu xejn, jitħawdu bis-sħiħ, għax il-ħsieb tagħhom ma jirnexxix; għajb għalihom li ma jintesa qatt. Għannu lill-Mulej, faħħru lill-Mulej, għaliex il-ħajja tal-imsejken ħelisha.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 17 (18)

Inwieġbu flimkien: **Lill-Mulej sejjaħt, u semagħni**

Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!
Il-Mulej blata tiegħi,
fortizza u ħellies tiegħi.

Inwieġbu flimkien: **Lill-Mulej sejjaħt, u semagħni**

Insejjaħ lill-Mulej,
li hu ta' min ifaħħru,
u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi.

Inwieġbu flimkien: **Lill-Mulej sejjaħt, u semagħni**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Mulej, inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (10, 31-42)

F'dak iż-żmien, il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġru lil Ġesù. Imma Ġesù qalilhom: "Kien hemm ħafna għemejjel tajba li jiena wrejtkom mingħand il-Missier; għal liema għemil minnhom tridu tħaġġruni?" Weġbuh il-Lhud: "Mhux għal xi għemil tajjeb irridu nħaġġruk, iżda minħabba d-dagħwa li dgħajt, u għax int, li m'intix ħlief bniedem, qiegħed tagħmel lilek innifsek Alla." Qalilhom Ġesù: "Fil-Liġi tagħkom ma hemmx miktub: 'Jiena għedt: Intom allat?' Issa jekk il-Liġi ssejjaħ allat lil dawk li waslitilhom il-kelma ta' Alla – u l-Iskrittura ma tistax titħassar – mela lili, li l-Missier ikkonsagrani u bagħatni fid-dinja, kif tgħiduli: 'Qiegħed tidgħi,' għax għedtilkom li jien Bin Alla? Jekk jien m'iniex nagħmel l-għemejjel ta' Missieri, temmnunix; imma jekk qiegħed nagħmilhom, jekk ma temmnux lili, għallinqas emmnu l-għemejjel, biex tkunu tafu u tagħrfu li l-Missier huwa fija u jiena fil-Missier."

Għal darb'oħra fittxew li jaqbduh, imma hu ħarbilhom minn taħt idejhom. U raġa' mar in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn qabel kien hemm Ġwanni jgħammed, u baqa' hemm. Kienu ħafna dawk li marru ħdejh, u qalu: "Ġwanni ma għamel ebda sinjal, imma kollu minnu kulma qal Ġwanni fuq dan il-bniedem." U hemmhekk ħafna emmnu fih.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel** (37, 21-22)

Dan jgħid Sidi l-Mulej: Araw, se nieħu lil ulied Iżrael minn fost il-ġnus fejn marru, niġborhom minn kull naħa u nġibhom fl-art tagħhom. U nagħmilhom poplu wieħed fil-pajjiż, fuq il-muntanji ta' Iżrael; sultan wieħed ikun is-sultan tagħhom ilkoll. Ma jibqgħux iżjed żewġ popli, ma jibqgħux iżjed maqsuma f'żewġ saltniet.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali — Ġeremija 31

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jieħu ħsiebna bħal ragħaj**

Isimgħu, popli, il-kelma tal-Mulej,
għidu, "Il-Mulej iħares lil Iżrael,
bħalma ragħaj iħares lill-merħla tiegħu."

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jieħu ħsiebna bħal ragħaj**

"Jiena nbiddel id-dwejjaq tagħhom f'hena,
Inferraħhom wara l-inkwiet tagħhom."

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej jieħu ħsiebna bħal ragħaj**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**“Żommu ’l bogħod mill-ħażen li għamiltu,” jgħid il-Mulej.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (11, 45-56)

F’dak iż-żmien, ħafna mil-Lhud, li kienu ġew għand Marija, oħt Lazzru, u raw dak li għamel Ġesù, emmnu fih. Imma xi wħud minnhom marru għand il-Fariżej u qalulhom x’kien għamel Ġesù. Għalhekk il-qassisin il-kbar u l-Fariżej laqqgħu s-Sinedriju u qalu: “X’sejrin nagħmlu? Għax dan il-bniedem qiegħed jagħmel ħafna sinjali. Jekk inħalluh sejjer hekk, kulħadd jemmen fih, u jiġu r-Rumani, u jeqirdulna kemm it-tempju u kemm il-ġens tagħna.”

Imma wieħed minnhom, Kajfa, li kien il-qassis il-kbir dik is-sena, qalilhom: “Intom ma tafu xejn. Anqas ma intom tqisu li jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu u mhux jinqered il-ġens kollu.” Issa dan ma qalux minn moħħu, imma billi dik is-sena nzerta kien il-qassis il-kbir, huwa kien imnebbaħ u ħabbar li Ġesù kellu jmut għall-ġens tiegħu, u mhux għall-ġens tiegħu biss, imma wkoll biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta’ Alla li kienu mxerrdin.

Minn dakinhar ’il quddiem bdew jiftiehmu bejniethom biex joqtluh. Ġesù ma għaddiex aktar bid-dieher f’nofs il-Lhud, imma telaq minn hemm lejn il-kampanja qrib id-deżert, f’belt jisimha Efrajm, u qagħad hemmhekk mad-dixxipli tiegħu. Kien wasal l-Għid tal-Lhud, u ħafna nies mill-kampanja telgħu Ġerusalemm qabel l-Għid għar-riti tal-purifikazzjoni. Huma fittxew lil Ġesù, u bdew jgħidu bejniethom fit-tempju: “Intom x’taħsbu? Tgħid, jitla’ għall-festa?”

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (42, 5-7)

Dan jgħid Alla, il-Mulej, li ħalaq u firex is-smewwiet, u l-medda tal-art bil-frott u l-ħdura tagħha, li jagħti l-ħajja lill-poplu li hemm fiha, u r-ruħ lil dawk li jgħixu fiha: "Jien, il-Mulej, sejjaħtlek fis-sewwa, qbadtek minn idek u ħaristek, u għamilt minnek patt tal-poplu, dawl għall-ġnus, biex int tiftaħ għajnejn l-għomja, toħroġ lill-ilsiera mill-ħabs, u lil dawk li hemm fid-dlam minn dar l-għeluq."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 26 (27)

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej hu d-dawl u s-salvazzjoni tiegħi**

Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi;
minn min għandi nibża'?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi; quddiem min għandi nitwerwer?

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej hu d-dawl u s-salvazzjoni tiegħi**

Nemmen li għad nara t-tieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.
Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek!

Inwieġbu flimkien: **Il-Mulej hu d-dawl u s-salvazzjoni tiegħi**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Is-sliem għalik, Sultan tagħna, int biss ħennejt għalina fl-iżbalji tagħna.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**L-EVANĠELJU**

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (12, 1-11)

Sitt ijiem qabel il-festa tal-Għid, Ġesù mar Betanja, fejn kien joqgħod Lazzru li Ġesù kien qajjem mill-imwiet. Hemmhekk għamlulu ikla; Marta bdiet isservi, waqt li Lazzru kien wieħed minn dawk li qagħdu fuq il-mejda ma' Ġesù. Marija ħadet libbra fwieħa tan-nard pur, tiswa ħafna, u dilket biha riġlejn Ġesù, imbagħad ixxttathomlu b'xagħarha; u d-dar imtliet bir-riħa tfuħ. Ġuda l-Iskarjota, wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li kien se jittradih, qal: "Din il-fwieħa għax ma nbigħetx tliet mitt dinar biex jingħataw lill-foqra?" Issa dan qalu mhux għax kien jimpurtah mill-foqra, imma għax kien ħalliel, u, billi hu kien il-kaxxier, kien jisraq kulma kienu jaqilgħu.

Qallu Ġesù: "Ħalliha, din il-fwieħa kienet refgħetha għal jum id-difna tiegħi. Il-foqra dejjem issibuhom magħkom, imma lili mhux dejjem issibuni." Kotra kbira ta' Lhud saru jafu li hu kien qiegħed hemm, u marru mhux biss minħabba Ġesù, imma wkoll biex jaraw lil Lazzru, li hu kien qajjem mill-imwiet. Għalhekk il-qassisin il-kbar ftiehmu li joqtlu lil Lazzru wkoll, għax minħabba fih ħafna mil-Lhud bdew jitilquhom u jemmnu f'Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-EWWEL QARI

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (49, 5-6)

Issa tkellem il-Mulej, li minn ġuf ommi għamilni qaddej tiegħu, biex għandu rreġġa' lura lil Ġakobb, u biex Iżrael jinġabar miegħu mill-ġdid, għax jien kont imfaħħar f'għajnejn il-Mulej, u Alla tiegħi kien il-qawwa tiegħi. Hu qalli: "Tkun ħaġa żgħira wisq għalik, li inti tkun il-qaddej tiegħi, biex tqajjem it-tribù ta' Ġakobb, u traġġa' lura l-fdal ta' Iżrael. Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex".

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

SALM RESPONSORJALI Salm 70 (71)

Inwieġbu flimkien: **Fik Mulej jien nistkenn**

Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax nitfixkel.

Inwieġbu flimkien: **Fik Mulej jien nistkenn**

Għax inti, Sidi, it-tama tiegħi;
Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minn meta kont żgħir.

Inwieġbu flimkien: **Fik Mulej jien nistkenn**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Is-sliem għalik, Sultan tagħna, li għamilt ir-rieda ta' Missierek.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

### L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (13, 21-33)

F'dak iż-żmien, waqt li kien fil-mejda mad-dixxipli tiegħu, Ġesù ħass ruħu jitħawwad, u stqarr bil-miftuħ: "Tassew tassew ngħidilkom li wieħed minnkom se jittradini." Id-dixxipli qabdu jħarsu lejn xulxin, ma jafux għal min qal hekk. Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù. Xmun Pietru għamillu sinjal u staqsieh: "Għal min qiegħed jgħid?" Dak, kif kien mimdud hekk fuq sider Ġesù, staqsieh: "Min hu, Mulej?" Wieġbu Ġesù: "Dak li għalih se nbill din il-loqma ħobż fil-platt u nagħtihielu." Imbagħad bill biċċa ħobż, u qabad u taha lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota. Ġuda ħa l-biċċa ħobż u daħal fih ix-Xitan. Qallu Ġesù: "Dak li se tagħmel, agħmlu u ddumx." Imma ħadd minn dawk li kienu fuq il-mejda ma kien jaf għalfejn qallu hekk. Billi Ġuda kien il-kaxxier, xi wħud stħajlu lil Ġesù jgħidlu: "Mur ixtri dak li neħtieġu għall-festa," jew biex imur jagħti xi ħaġa lill-foqra. Dak, wara li ħa l-biċċa ħobż, minnufih ħareġ 'il barra. Kien billejl. Kif ħareġ Ġuda, Ġesù qal: "Bin il-bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla. Jekk Alla huwa gglorifikat permezz ta' Bin il-bniedem, Alla wkoll permezz tiegħu nnifsu għad jigglorifika lilu, u dalwaqt jigglorifikah. Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom; intom tfittxuni, u bħalma għedt lil-Lhud, hekk ukoll ngħidu issa lilkom: Fejn sejjer jien, intom ma tistgħux tiġu". Qallu Xmun Pietru: "Fejn sejjer, Mulej?" U Ġesù wieġbu: "Fejn sejjer jien, int għalissa ma tistax tiġi miegħi; imma tiġi warajja aktar tard." Qallu Pietru: "Għaliex, Mulej, ma nistax niġi miegħek issa? Għalik jiena nagħti ħajti!" Wieġbu Ġesù: "Inti, tagħti ħajtek għalija? Tassew tassew ngħidlek li s-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet!"

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu

L-Ewwel Qari

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (50, 7-9)

Sidi l-Mulej jgħinni, għalhekk ma nitħawwadx; għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied: jien naf li ma jkollix mniex nistħi. Dak li jagħmel ġustizzja miegħi jinsab fil-qrib. Min se jeħodha miegħi? Ħa noqogħdu għall-ħaqq flimkien! Min hu kontrija? Ħa jersaq lejja! Ara, Sidi l-Mulej jgħinni: min se jagħtini t-tort?

**Il-Kelma tal-Mulej**

Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali Salm 68 (69)

Inwieġbu flimkien: **O Alla, weġibni**

Infaħħar l-isem ta' Alla bil-kant,
inkabbru b'għana ta' radd il-ħajr.

Inwieġbu flimkien: **O Alla, weġibni**

Għax jisma' lill-fqajrin il-Mulej,
ma jwarrabx l-imjassrin tiegħu.

Inwieġbu flimkien: **O Alla, weġibni**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

**Is-sliem għalik, Sultan tagħna, int biss ħennejt għalina fl-iżbalji tagħna.**

Glorja u tifħir lilek Kristu.

## L-Evanġelju

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (26, 14-25)

F'dak iż-żmien, wieħed mit-Tnax, jismu Ġuda l-Iskarjota, mar għand il-qassisin il-kbar u qalilhom: "Xi tridu tagħtuni u jiena nagħtikom lil Ġesù f'idejkom?" U huma tawh tletin biċċa tal-fidda bħala ħlas. Minn dak il-ħin beda jfittex okkażjoni tajba biexjagħtihom lil Ġesù f'idejhom. Fl-ewwel jum tal-Ażżmi d-dixxipli resqu lejn Ġesù u qalulu: "Fejn tridna nħejjulek l-ikla tal-Għid?" U hu qalilhom: "Morru l-belt għand it-tali, u għidulu: 'Qallek l-Imgħallem: Is-siegħa tiegħi waslet; jien se nagħmel l-ikla tal-Għid għandek mad-dixxipli tiegħi.'"

Id-dixxipli għamlu kif ordnalhom Ġesù u ħejjew l-ikla tal-Għid. Għall-ħin ta' filgħaxija qagħad fuq il-mejda flimkien mat-Tnax, u waqt l-ikel qal: "Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini." Huma bdew isewdu qalbhom ħafna u kull wieħed minnhom beda jsaqsih: "Jaqaw jien, Mulej?" U Ġesù weġibhom: "Dak li jmidd idu u jbill il-ħobż fi platt wieħed miegħi, dak li se jittradini. Bin il-bniedem imur kif hemm miktub fuqu imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa! Kien ikun aħjar għalih dak il-bniedem li kieku ma twieled xejn!" Qabeż Ġuda, dak li ttradieh, u qallu: "Jaqaw jien, Rabbi?" Wieġbu Ġesù: "Int qiegħed tgħidu."

**Il-Kelma tal-Mulej**

Tifħir lilek Kristu